MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 330/2010

Appell Numru: 330/2010

Il-Pulizija

Vs

Cedric (Cedric Charles) Sciberras

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid- 9 ta' Ottubru, 2003, ghall-habta tat-03:00 p.m., fi Triq Regjonali, Gzira, (1) ghamel uzu jew saq vettura (tail lift van) numru BSY 012 ghal-finijiet ohra barra minn dawk li ghalihom kien licenzjata (2) u b' hekk ghamel uzu jew saq vettura nru BSY 012 (tail lift van) minghajr ma kien kopert b' polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni u dan bi vjolazzjoni tal- Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta (3) saq l-istess vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (4) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, opera apparat (mobile phone) li b' xi mod tellef jew li seta` tellef mis-smiegh tieghu waqt is-sewqan; (5) saq l-istess vettura b' majiera traskurata (6) perikoluza (7) u aktar b' nuqqas ta' hsieb u traskuragni, jew f' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vrhovak Daliborka skond kif iccertifika verbalment Dr. Andrew Mercieca M.D. ta' S.L.H.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Lulju, 2010 fejn wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) u (3) tal-Kap 65, 3(1) Kap 104, 69 AL128/1994, 226 Kap9; sabet lil imputat hati u kkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jiskonta l-imsemmija piena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Lulju, 2010, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberah minn kull htija u piena, u okkorrendo jekk ikun il-kaz, subordinament tipprovdi ghall-piena aktar mita u idoneja.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-appellant ghamel dak kollu li kien mistenni minnu b'mod ragjonevoli u fil-limiti tal-possiblitajiet umani tieghu, sabiex incident sfortunat bhal dak li sehh jigi evitat;

Illi l-appellant qieghed umilment jissottometti illi l-incident de quo ma setgha qatt kien prevedibbli u dan specjalment meta wiehed iqis li hija ferm probabbli t-tezi li l-bieb ta' wara tal-vann li minnu waqghet il-vittma, infetah minhabba li kienu fethuh it-tfal stess;

Illi f' dan ir-rigward, m'hemmx dubju li taht is-sistema legali taghna il-kuncett tal-prevedibilita` huwa determinanti biex tirradika ruha l-'culpa' jew ghemil negligenti li jwassal ghal-event dannuz;

Illi inoltre, jekk l-event dannuz, ghalkemm mhux mixtieq u previst, seta jigi previst, allura ikun hemm il-'culpa' li twassal ghar-responsabilita` kriminali;

Illi f'dan ir-rigward Carrara (Programma 84) jghid: "il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere sconfina il caso dalla colpa';

Illi kif irriteniet il-Corte di Cassazione Taljana (13.V.1907, in Giust. Penale, 1907,772): "e` sempre il concetto della prevedibilita` dell' evento …quello su cui si fondono, se non esclussivamente, almeno principalmente, e la teorica di diritto e il codice positive nei reati colposi";

Illi f'dan ir-rigward, l-appelant umilment jissottometti illi l-event dannuz mhux biss ma kienx mixtieq minnhu izda wisq anqas seta` jigi previst minn persuna ragionevoli, u dan ghaliex dan l-event dannuz sehh biss minhabba l-involviment ta' terzi persuni (it-tfal) li bl-azzjonijiet taghhom wasslu biex infetah il-bieb tal-vann, fatt li l-appellant ma setgha jaghmel xejn biex jigi evitat waqt li l-attenzjoni tieghu kienet fuq it-triq;

Illi inoltre, d-decizjoni li jghabbi lill-istudenti fuq il-mini bus, hu hada fl-interess tat-tfal u dan sabiex ma jhallix lill-istess studenti minghajr servizz ta' trasport. Illi ghalkemm huwa minnu li b'dak li ghamel huwa uza l-vettura ghal finijiet barra

minn dak li ghalihom l-istess vettura kienet licenzjata madankollu din id-decizjoni ttiehdet mill-esponenti fl-ahjar interess ta' l-istess studeni u mhux b' kapricc.

Illi ma` dan ghandu jigi rilevat li t-tail lift van imsemmi kien, kif del resto rrizulta mill-provi debitament licenzjat u kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni vigenti bejn it-3 ta' Marzu, 2003 u d-29 ta' Frar, 2004. Tant hu hekk li Vidozav Vrhovac, missier Daliborka, ikkonferma li l-kumpanija assikuratrici kienet kopriet id-danni minnha sofferti;

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-generalita ta' l-ewwel aggravju, il-Qorti lanqas ma setghet issib htija fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni.

Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet il-Pulizija vs Angelo Scuderi (03.11.2005), kien gie deciz li mid-dicitura ta' l-artikolu 10(1) tal-Kap 104 jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabilita ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikoli (2) u (3) ta' l-istess artikolu, anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex per ezempju, id-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikoli (2) u (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa` l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1);

Illi fil-kaz in dizamina, kif gja rilevat, jirrizulta li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BSY 012 kienet koperta b' polza ta' l-assigurazzjoni vigenti bejn it-3 ta' Marzu, 2003 u d-29 ta' Frar, 2004. Fil-fatt gie kkonfermat mill-parti leza li kumpanija assikuratrici kienet kopriet l-ispejjez kollha inkorsi. Ciononostante, il-Qorti tal-Magistrati stranament ghazlet li tiddipartixxi minn dak ritenut f' din il-gurisprudenza peress li, skond hi, dan kien zbaljat. Issa huwa risaput li skond il-

prassi tal-Qrati taghna, ghalkemm il-precedent ma huwiex vinkolanti ghandu xorta wahda valur perswassiv. Huwa ghalhekk sorprendenti kif Qorti Inferjuri tiddipartixxi minn enuncjazzjoni ta' dritt mhux biss motivat izda wkoll kostanti;

Illi d-dicitura tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 hija cara u ma thalli lok ghall-ebda tip ta' interpretazzjoni. Jissussistu l-elementi tar-reat previst fl-imsemmi artikolu meta "ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza." Is-semplici fatt li tkun tissussisti kopertura assigurattiva jeskludi ghal kollox ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu;

Illi eventwali ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza jista` jwassal ghal konsegwenzi ta' natura civili bejn l-assikuratur u l-assigurat, senjatament l-eventwali dritt ta' regress civili li l-assiguratur jista` jkollu fil-konfront tal-assikurat. Izda tali kwistjonijiet ta' natura civili huma res inter alios acta bejn l-assikuratur u l-assigurat u huma ghal kollox estranei ghal dak li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap 104 billi dan ir-reat jissussisti biss meta ma tkunx fis-sehh polza ta' assigurazzjoni.

Illi dak ritenut fis-sentenza in re Scuderi gie kkonfermat b'diversi sentenzi ohra ta' din il-Qorti fosthom Il-Pulizija vs Joseph Micallef (30.03.2006), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.04.2007), Il-Pulizija vs Nicky Pace (04.04.2007), Il-Pulizija vs Charles Galea (07.05.2007), Il-Pulizija vs Emanuel Bonello (27.07.2007), Il-Pulizija vs Oliver Camilleri (09.08.2007) u l-Pulizija vs George Mizzi (05.11.2008);

Illi effettivament dawn is-sentenzi, kif spjegat, jittrattaw principalment fuq min jinkombi l-oneru tal-prova dwar l-assikurazzjoni. Fil-kaz in dizamina l-appellant ghamel prova tal-ezistenza tal-prova assigurattiva u mar oltre billi ghamel il-prova li effettivament is-socjeta assikurattrici irrizarciet id-danni tas-sinistrata. Ghalhekk, una volta li jirrizulta li kien hemm polza fis-sehh ghal-finijiet tal-Kap 104, l-esponent ghandu jigi wkoll illiberat mit-tieni imputazzjoni migjuba kontrih;

Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li minn imkien ma irrizulta li l-appellant saq il-vettura b' manjiera traskurata, bla kont jew perikoluza. Fis-sentenza il-Pulziija vs Roderick Debattista (26.05.2004) il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet li sewqan traskurat (negligent driving) huwa kwalisasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal-sewqan traskurat. Illi stranament l-appellant ma giex addebitat bl-akkuza ta' sewqan bla kont (sewqan bi traskuragni kbira) u allura a priori ezkluz mill-possibilita li deliberatament ha riskju fis-sewqan li ma kellux jiehu minhabba l-probabbilta ta' hsara li setghet tirrizulta lil terzi. Illi minn naha l-ohra sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f' dak ta' sewqan perikoluz. Minn ezami ta' l-atti processwali jirrizulta li l-appellant fl-ebda hin ma' saq bi traskuragni jew li saq b' manjiera perikoluza. L-istudenti xehdu li l-appellant Cedric Sciberras – li kien maghruf maghhom b' ismu – saq b' velocita normali u eskludew li seta` kien qed isuq b'velocita qawwija jew li ghamel xi manuvri li jistghu jigu kklassifikati bhala sewqan perikoluz;

Illi l-fatt li f'hin minnhom infethet il-bieba ta' wara zgur li ma jistax jigi addebitat ghal xi tip ta' sewqan ta' l-appellant izda huwa ferm izjed probabli li sehh wara li xi hadd mill-passiggieri mess din l-istess bieba;

Illi anke l-kwistjoni ta' uzu tal-mobile phone (dan ukoll huwa fatt li ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi tant li kien hemm student li xehdu li ma rawhx jaghmel uzu minn dan il-phone) wahdu ma jistax iwassal sabiex din l-Onorabbli Qorti tikkonklud li s-sewqan ta' l-appellant kien wiehed traskurat u perikoluz.

Illi r-raba aggravju jikkoncerna l-piena, jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena erogata ma hijiex fil-parametri tal-ligi, hija bazata fuq konsiderazzjonijiet li huma estranji ghall-akkadut u hi, fi kwalunkwe kaz, manifestament sproporzjonata;

Illi qed jigi sottomess li l-piena erogata giet ibbazata fuq konsiderazzjonijiet li huma estranji ghall-akkadut. Minn qari akkurat tal-provi tal-prosekuzjoni jirrizulta li l-akkuzi huma msejjsa fuq il-fatt li t-tail lift van ma kienx intiz ghall-garr ta' student imma kien intiz ghal-skopijiet ohra. L-incident sfortunat li fih sofriet l-offizi Daliborka Vrhovak ma sehhx minhabba t-tip ta' vettura li giet uzata fid-9 ta' Ottubru, 2003 u lanqas minhabba l-manjiera ta' sewqan li l-appellant ghazel li juza, izda sehh, inter alia, minhabba l-fatt li Cedric Sciberras ghazel li juza minibus wahda flok tnejn bil-konsegwenza li xi student kellhom joqghodu bil-wieqfa waqt it-tragitt. Ghalhekk ma jezistix in-ness bejn l-offizi sofferti minn Daliborka Vrhovac u t-tipologija tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BSY 012;

Illi ghalhekk, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma l-htija u timponi piena, qed jigi sottomess bl-akbar rispett li din ghandha tkun fil-minimum u certament m'ghandiex tkun piena ta' inkarcerazzjoni effettiva, specjalment tenut kont tal-fatt li l-appellant ma setgha qatt ippreveda li incident bhal dak tad- 9 ta' Ottubru, 2003 setgha jsehh;

Illi inoltre, meta wiehed iqis li l-appellant ghandu fedina penali nadifa ghal-kollox u jinsab iddispjacut hafna bl-akkadut, qed jigi sottomess illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha timponi piena karcerarja, din il-piena ghandha se mai tkun sospiza ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fl-ahhar nett, l-aggravju li huwa purament ta' natura akkademika, jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedent, il-Qorti tal-Magistrati qatt ma setghet tiskwalifika lill-esponent milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena minn meta jiskonta l-piena;

Illi kif gie deciz fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija v Lawrence Azzopardi (23.01.2003), is-sospensjoni ghandha tibda tiddekorri fid-data li fiha l-imputat ikun instab hati. Ghalhekk jinghad bl-akbar rispett li anke fuq dan il-punt il-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Cedric Sciberras huwa impjegat bhala driver mad-ditta Zarb Coaches Limited li tipprovdi servizz ta' garr ta' studenti lejn l-iskola u lura lejn id-djar taghhom. Normalment dan is-servizz ikun ipprovdut b'coach illi jesa' tletin (30) persuna. Però gara illi fid-disgha (9) ta' Ottubru tal-elfejn u tlieta (2003) dan il-coach kellu xi hsarat u d-direttur tal-kumpanija fuq imsemmija, Emanuel Zarb, baghat minflok zewg mini buses, wiehed minnhom dak ghan-nies bi bzonnijiet specjali maghruf bhala "tail lift van" illi fuq in-naha ta' wara jkollu "platform" intiz biex izomm numru ta' wheelchairs. L-appellant kien qed isuq dan il-vann meta wasal l-ewwel l-iskola biex jghabbi l-istudenti. Biex ma jhalli lil hadd warajh, l-appellant iddecieda illi jghabbi l-istudenti kollha. B'hekk kien hemm hdax (11) minnhom qeghdin bilqieghda u hmistax (15) ohra fuq il-"platform" ta' wara bilwieqfa. Foshom kien hemm tfajla bl-isem ta' Daliborca Vrhovac ta' tlettax-il (13) sena. Waqt illi l-appellant kien ghaddej Regional Road ghal xi raguni l-bieba ta' wara infethet u Vrhovac waqghet barra fejn konsegwenza ta' dan l-incident tilfet kwazi snienha kollha, ma setghetx tisma' sew mill-widna tax-xellug, ghal diversi xhur ma setghetx tiekol hlief permezz ta' straw u sal-ewwel (1) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) kienu ghadhom qeghdin isiru interventi kirurgici f'daharha. Oltre dan sofriet lacerazzjonijiet u abrazjonijiet fosthom fil-wicc li jhalli sfregju kif ukoll diversi fratturi. Bil-verbal maghmul fil-hdax (11) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) (278) id-Difiza u l-Prosekuzzjoni qablu li l-feriti li sofriet Daliborca Vrhovac kienu feriti gravi fl-isfond tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

Wara l-investigazzjonijiet tal-pulizija l-appellant gie mressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tal-hamsa (5) ta' Lulju

tal-elfejn u ghaxra (2010) il-Qorti tal-Magistrati sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jiskonta 'l fuq imsemmija piena.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn l-aggravju principali tieghu kien jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi peress illi irrizulta illi l-appellant ghamel dak kollu li kien mistenni minnu b'mod ragjonevoli u fil-limiti tal-possibilitajiet biex l-incident sfortunat jigi evitat. Di più ilmenta ukoll illi l-piena ta' prigunerija effettiva hija gravuza wisq fil-konfront tieghu meta tqis illi dan huwa reat involontarju, huwa ghandu fedina penali nadifa. Di più irrizulta illi l-parti reza giet rizarcita mill-assikurazzjoni ghad-danni kollha li sofriet specjalment dawk ghall-interventi medici illi kellhom isiru konsegwenza ta' dan l-incident.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, din il-Qorti thoss illi ghandha ticcensura bil-kbir id-decizjoni li ha l-appellant biex jghabbi lil kulhadd f'dak il-vann partikolari. L-appellant kien jaf illi huwa kien qed isuq "special purpose van" b'kapacità ta' erba' passiggieri, hames wheelchairs u driver b'total ta' ghaxar persuni. Fuq gewwa però kien hemm indikat illi kellha kapacità ta' hmistax-il (15) passiggier u xufier. In effetti f'dan il-vann kien hemm hdax-il (11) student bilqieghda u hmistax-il (15) student bilwieqfa u b'hekk irrizulta illi dan il-vann kien qed igorr aktar mid-doppju tal-passiggieri minn dak permess. L-appellant kien jaf illi kellha tigi mini bus ohra sabiex tkompli tiehu l-bqija tal-istudenti biex b'hekk dawk it-tletin student ikunu mqassma fuq zewg mini vans u mhux fuq mini van wahda. L-appellant jghid però illi peress illi wasal l-ewwel, biex ma jhallix l-istudenti warajh, iddecieda illi jghabbi lil kulhadd. Hawnhekk seta' jipprevedi illi dawk l-istudenti illi kienu se jkunu fuq wara bilwieqfa ma kienux se jkunu sikuri u bis-sewqan tieghu anke jekk ikun wiehed galbat, dawn se jbaghtu ghax ma jkollhomx bazi soda fuq xhiex joqghodu. Tant hu hekk illi dawn l-istudenti xehedu illi bdew jitbandlu u anke jaqghu fuq xulxin. M'hemmx dubbju illi f'dawn ic-cirkostanzi saret pressjoni fuq il-bieba ta'

wara illi suppost tintuza biex minnu jghaddu l-wheelchairs fuq il-"platform" ta' wara. Ghal xi raguni dan il-bieb infetah u b'hekk gara dan l-incident. Din il-Qorti teskludi t-tezi tad-Difiza illi dan il-bieb infetah mill-istess studenti. Dan bl-ebda mod ma irrizulta u kienet x'kienet ir-raguni ghalxiex infetah dan il-bieb, l-istudenti mhux suppost illi kienu warajh. Di più filwaqt illi l-istudenti stqarrew illi l-appellant ma kienx qed isuq xi sewqan esagerat, kien f'xi zmien jirrispondi u jitkellem fuq il-mobile waqt il-vjagg. Dan wahdu huwa indikazzjoni ta' traskuragni grassa da parti tal-appellant peress illi b'hekk kien qed jigi distratt mit-triq u mir-responsabiltà li kellu ta' dawk l-istudenti f'dik il-kondizzjoni partikolari tant, illi meta gara l-incident l-appellant ma ndunax mal-ewwel u kellha tigi migbuda l-attenzjoni tieghu mill-istudenti l-ohra illi kien hemm magenbu. Dan ipoggi lill-appellant nettament fic-censura ta' sewqan traskurat u perikoluz. Kien jaf f'liema kondizzjoni kien qieghed igorr dawn l-istudenti, kien jaf ukoll illi s-sewqan tieghu kien qed igib skumdità kbira fuq dawn l-istess studenti illi kienu bilwieqfa fuq in-naha ta' wara u ghalhekk kien prevedibbli illi seta' jsir xi incident bhal dak illi fil-fatt sar.

Ghal dak li jirrigwarda l-assikurazzjoni, irrizula mir-rapprezentant tal-kumpanija assikuratrici illi l-vettura inkwistjoni kienet assikurata fil-hin tal-incident però ghall-garr ta' hdax-il persuna kompriz ix-xufier u kwindi l-garr ta' passiggieri 'l fuq minn dan in-numru certament jammont ghall-ksur tal-polza. Paul Sciberras in rapprezentanza ta' GasanMamo xehed illi l-vettura in kwistjoni kienet assikurata fil-hin tal-incident però peress illi kien hemm ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza bil-mod kif giet uzata, sid il-vettura Emanuel Zarb gie infurmat illi t-talba ma kinitx ser tintlahaq, però sussegwentement gie deciz illi l-assikurazzjoni thallas nofs id-danni tat-third party. GasanMamo qatt ma irtirat il-polza li baqghet vigenti sakemm ghalqet.

Brian Farrugia in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed illi Cedric Sciberras kellu licenzja biex isuq vettura normali kif ukoll trakk u trailer, route bus jew coach. Fi zmien tal-incident kellu licenzja u kien sar il-hlas.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-unika akkuza illi ma tirrizultax hija t-tielet wahda illi taddebita lill-appellant b'sewqan ta' vettura minghajr ma kienet illicenzjata mill-pulizija. Il-bqija tal-akkuzi addebitati lill-appellant kollha gew ippruvati sodisfacentement mill-Prosekuzzjoni. L-appellant volontarjament saq vettura bin-numru BSY 012 ghall-finijiet ohra barra minn dawk li ghalihom kienet licenzjata u minkejja illi kienet assikurata ghal skop partikolari, bil-mod illi uza dan il-vann kiser il-polza tal-assikurazzjoni biex b'hekk ghall-fini tal-kamp penali irrendiha ineffettiva. Terga', waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, opera mobile phone li tellef jew seta' jtellef is-smiegh tieghu waqt is-sewqan. Di più, saq l-istess vettura b'manjiera traskurata u perikoluza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daliborca Vrhovac.

Ghalhekk ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, salv dak illi inghad dwar it-tielet akkuza, il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. Ma hemmx dubbju illi l-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi però din il-Qorti jidhrilha illi stante illi dan kien reat involontarju u stante li l-appellant ghandu fedina penali nadifa forsi mhux il-kaz illi s-sitt xhur prigunerija jkunu effettivi. Dan qed jinghad mhux biex inaqqas mis-serjetà u l-gravità tal-azzjoni tal-appellant, li tibqa' dejjem censurabbli f'kull sens tal-ligi, imma forsi mhuwiex il-kaz illi l-appellant jintbaghat il-habs meta jidher illi llum il-parti leza ghamlet fejqan totali, giet rizarcita ghad-danni kollha illi sofriet u wkoll illi kien hemm kazijiet ferm aktar serji minn dan fejn is-sewwieq ma ntbaghatx habs effettiv.

Ghalhekk din il-Qorti tilqa' l-appell in parte, fejn filwaqt illi tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija hlief dak tat-tielet akkuza illi minnha din il-Qorti qieghda tillibera lill-appellant, tvarja l-piena fejn filwaqt illi tikkonferma l-perjodu ta' sitt xhur prigunerija u s-sospensjoni tal-licenzja, tordna wara illi rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali illi dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------